**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06/2024

**L-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2024**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-19:15.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 6.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

6.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li l-membri kollha kienu preżenti.

## 6.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 04/K9/2024.

6.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 04/K9/2024 kif ippreżentati.

6.02.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.03 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/5545/24/I** Email mingħand il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet fejn bagħtu x'ikopri l-Framework Agreement u nformaw lill-Kunsill li l-allokazzjoni disponibbli għall-lokal ta' Pembroke hija dik ta' €125,000.

**46/5729/24/O** Works order 145/2024 lill-Perit tal-Kunsill għal stima biex isir manutenzjoni tal-passaġġ li hemm bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich li jiġi bejn il-kamra tad-dawl u Sprachcaffe.

**46/6100/24/I** Email mingħand residenta fejn talbet biex issir manutenzjoni fit-taraġ li jagħti minn Juno għal Trejqet San Gorg Preca peress huwa ta' periklu.

**46/6210/24/I** Email mingħand il-PA fejn bagħtu l-permess bi deċiżjoni għal PA/03551/23 Public Open Space, Triq San Patrizju, Pembroke.

**46/6212/24/I** Email mingħand il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet fejn bagħtu jikkonfermaw li rċievew it-talba tal-Kunsill għall-irranġar tal-passaġġ bejn Triq Giorgio Mitrovich u Triq Alamein.

6.03.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5545/24/I, 46/5729/24/O, 46/6100/24/I, 46/6210/24/I** u **46/6212/24/I** fejn ippropona li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jagħmel stimi għall-fond allokat, liema xogħlijiet jikkunsidra li b'dawn il-fondi għandhom:

a) Jiġu rranġata l-bankini ta' Triq Normandy, Triq Gioacchino Le Brun u Trejqet Antonio Mallia fejn hemm ħsarat fuq il-paving blocks, speċjalment fejn hemm kaptelli kbar tal-konkos fuq is-service culvert, liema kaptelli idejalment jinbidlu f'manholes tal-ħadid.

b) Jiġu rranġata l-bankini fi Triq San Ġorġ Preca, Pjazza Nazju Falzon, Triq il-Beata Adedata Pisani, Triq il-Kurunell Cocks, u Triq Salvatore Castaldi.

c) Għandha tiġi ikkunsidrata l-bankina tat-triq li minn Triq il-Mediterran tagħti għal parkeġġ ta' wara Pembroke Athleta,

d) Il-bankina ta’ Triq Emanuel Decelis (li parti minnha tiġi fil-lokal),

e) Manutenzjoni tal-bankijiet ta’ Ġnien 4 ta’ Lulju inkluż grada għal safety, u maintenance tal-istess latrina pubblika.

f) Jigi ikkunsidrat ukoll il-passaġġ bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich li jiġi bejn il-kamra tad-dawl u Sprachcaffe.

g) Jiġi restawrat it-taraġ li minn Triq Juno jagħti għal Triq il-Beata Adeodata Pisani.

h) L-upgrading tal-Ġnien ta’ St. Patricks

6.03.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

6.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5665/24/I** Email mingħand ambjentalist fejn informa l-Kunsill bi tħassib tiegħu dwar l-applikazzjoni numru PA 05167/24 għall-iżvilupp fi Triq Don Luigi Rigord minħabba li tista' ssir xi ħsara waqt it-tħaffir f’Pembroke Battery.

6.03.4 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5665/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika l-pożizzjoni diġa meħuda fejn ġiet intavolata oġġezzjoni minħabba li tali żvilupp ser ikollu impatt negattiv fuq wirt storiku.

6.03.5 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

6.03.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5686/24/I** Email mingħand resident fejn bagħat kopja tal-korrispondenza li bagħat lill-WSC dwar il-bankina l-ġdida li saret quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Mikiel Ang Grima.

6.03.7 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5686/24/I** fejn saħaq li WSC taw spjegazzjoni dettaljata lir-resident u għalhekk ippropona li ma jħossx li l-Kunsill għandu jintervjeni f’din is-sitwazzjoni.

6.03.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5691/24/I** Email mingħand il-Perit ta’ DB fejn bagħat il-DNO approvata għat-tower crane.

6.03.10 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5691/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkonferma li ma jsibx oġġezzjoni għas-sit fejn tpoġġa t-tower crane fi Triq il-Profs Walter Ganado, abbażi li ma kienx hemm oġġezzjoni la mill-PA u wisq aktar minn TM.

6.03.11 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.03.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5737/24/I** Email mingħand LGD fejn b’referenza għal SPI/SCI/03/2024 - Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa nformaw lill-Kunsill li t-talba għall-fondi ġiet aċċettata.

**46/5876/24/I** Email mingħand il-kumpanija Żibel fejn informaw lill-Kunsill li sabu xi qatran u żejt u barbered wire u affarjiet oħra li ma jitneħħewx minn

nies volontiera minħabba saħħa u sigurta' u staqsa mill-liema Dipartiment jistgħu jitneħħew.

**46/5878/24/I** Email mingħand il-kumpanija Żibel fejn b'referenza għall-attivita' tal-clean up under water li ser issir is-Sibt 7 ta' Settembru 2024 informa l-Kunsill li mal-kosta ma hemm xejn skart u ssuġġerixxa biex issir it-tindif fil-baħar in-naħa msejħa s-sikka ta' San Ġorġ.

**46/6177/24/I** Email mingħand LGD fejn b'referenza għal SPI/SCI/3/2024 – Espressjoni ta' Interess - Lokalitajiet aktar nodfa nformaw lill-Kunsill li t-talba li tressqet mill-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun rimburżat għall-ispiża tal-frott u l-pickers ġiet aċċetata.

**46/6163/24/I** Kwotazzjoni mingħand IV Portelli għal litter pickers għall-prezz ta' €24.15 + VAT il-waħda.

6.03.13 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5737/24/I, 46/5876/24/I, 46/5878/24/I, 46/6177/24/I u 46/6163/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni li bħala parti mill-iskema jinxtraw numru ta' pickers, u dan peress li l-clean up fuq il-baħar ma saritx kif mitlub. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill għandu jirrifjuta li jħallas kull talba mill-NGO ŻIBEL relatata mal-clean up ta' din is-sena. B'referenza għall-korrispondenza **46/5876/24/I**, il-kelliem ippropona li dwar il-qatran li hemm f'diversi żoni u l-barded wire, il-Kunsill għandu jiddiskuti t-triq il-quddiem ma' Clean Malta u l-AFM rispettivament.

6.03.14 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5839/24/I**
**46/5965/24/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant dwar stedina jekk il-Kunsill hux interessat li jipparteċipa f'xi proġett pilota mal-kumpanija TechNovator li tispeċjalizza fuq wireless charging technology u oħra CUBE PLUS li tispeċjalizza fuq clean and smart energy solutions għal żoni urbani.

6.03.16 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5839/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipparteċipa fil-proġett pilota TechNovator li tispeċjalizza fuq wireless charging technology fejn hemm il-possibilita' li jiġu nstallata 4 roti li jaħdmu bid-dawl, u li dawn jitpoġġew fil-parkeġġ tal-Kunsill.

6.03.17 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5844/24/I** Email mingħand PA fejn informaw lill-Kunsill fejn ġiet ippubblikata PC0004/24 - Proposed change in alignment of residential access road in Pembroke u jekk ser issir xi oġġezzjoni trid issir sas-26 ta' Settembru 2024.

**46/6320/24/I** Email mingħand Infrastructure Malta fejn b'referenza għall-applikazzjoni PC0004/24 informat lill-Kunsill li l-applikazzjoni in kwistjoni qed jipproponu tibdil fl-allinjament ta' toroq li huma nklużi fl-applikazzjoni u t-toroq li semma l-Kunsill mhumiex inklużi fl-applikazzjoni u mhux qed jiġi propost tibdil fl-allinjament tagħhom u bagħtu l-pjanti u d-dokumenti b'email.

6.03.19 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5844/24/I u 46/6320/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dak propost minħabba li tnaqqas b'mod konsiderevoli l-footprint tal-proġett li minn informazzjoni ppubblikata fuq il-ġurnali jidher li minn żona ta' 3,435 metri kwadri, din niżlet għal 2,737 metri kwadri, jiġifieri tnaqqis ta' kważi 800 metru kwadru jew tnaqqis ta' ftit aktar minn 20%. B'miljorament ma' dan il-kelliem ippropona li no objection tal-Kunsill hija suġġett ukoll li:

a) fil-pjanti proposta għandu jiġi nkluż sit għall-bus shelter (fejn bħalissa hemm wieħed temporanju),

b) isiru culverts u possibbilment ġibjun biex jintlaqa' u jinġabar l-ilma tax-xita li preżentament jaqa' fi Triq Suffolk minnaħa tal-Madliena u li jmur fuq l-art tal-ambaxxata Ċiniża,

c) li l-proġett jaħseb li fil-livell tat-toroq eżistenti ta' St. Patrick, ikun hemm dħul u ħruġ alternattiv minn din it-trejqa għal Trejqet Patri Pelaġju Mifsud u Trejqet Giuseppe M. Letard,

d) tiġi modifikata l-kurvatura tal-ħruġ tat-triq proposta direzzjoni lejn Triq Alamein,

e) kemm jista' ikun jitħawlu siġar fuq kull naħa tat-triq inkluż fiż-żona kollha mmarkata bl-aħmar fuq il-pjanti sottomessa lill-PA, u

f) fid-dawl tal-inizjattiva ta' IM Vjal Kulħadd, jekk u kemm huwa possibbli, għandu jinstab materjal alternattiv minflok tarmak u dan anke b'rispett lejn is-sensittiva tas-sit li skond dak indikat fin-NHLP (Priority Tree Planting / Protection of Existing Trees NHCV 05, NHRL 01, u NHPE 03)

6.03.20 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

6.03.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5857/24/I** Skeda tal-iskart ġdida abbażi tal-kuntratt il-ġdid.

6.03.22 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5857/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitlob lill-kuntrattur li jara li l-iskeda proposta tiġi emendata tali biex tirrifletti dak mitlub fit-tender.

6.03.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5866/24/I** Email mingħand l-ERA fejn b'referenza għall-parkeġġ u l-aċċess għall-bajja nformaw lil Nature Trust u lill-Kunsill li diġa kienu taw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom u lesti jikkunsidraw b'mod favorevoli l-proposta, sakemm jiġu soddisfatti l-kunsiderazzjonijiet ambjentali.

6.03.25 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5866/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill, wara l-laqgħa li saret ma' Nature Trust (Malta), għandu jressaq talba lill-MTA biex tiffinanzja l-proġett t'upgrading taż-żona biswit il-bajja u dan fid-dawl li dan it-titjib jgħin biex jiġi offrut prodott aħjar kemm lill-familji speċjalment lir-residenti tal-lokal kif ukoll lit-turist. Il-kelliem żied ukoll li ma' din l-area l-Kunsill ser iressaq talba oħra simili għas-sit li hemm bejn A1 – A4 u A5 – A11.

6.03.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5930/24/I** Email mingħand The Energy and Water Agency fejn bagħtu l-informazzjoni li trid tingħabar sabiex persuna tiġbor il-pakkett promozzjonali tagħhom.

6.03.28 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5930/24/I** fejn ippropona li fil-jiem li ġejjien il-Kunsill Lokali ser jkun qed joħroġ avviż fuq il-media soċjali sabiex ir-residenti, fuq bażi first come first served, jkunu jistgħu jiġbru dan il-pakkett.

6.03.29 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5936/24/I** Email mingħand IM fejn infurmaw lill-Kunsill li fil-jiem li ġej ser jitkompla x-xogħol fuq il-ġibjun li hemm fil-P&R u nfurmaw lill-Kunsill li ebda vettura ma' ser tkun tista' titla' fuqu.

6.03.31 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5936/24/I** fejn saħaq li wara anke komunikazzjoni mal-awtorità in kwistjoni, is-siġar li hemm preżenti ser jibqgħu fuq il-post.

**46/5949/24/I** Email mingħand AKL fejn bagħtu Ċir AKL 2024/053 dwar il-European Mobility Week fejn qed joffru żewġ pakketti ta' Fondi il-Pakkett ta' Attivitajiet u l-Pakkett ta' Miżuri aktar Permanenti.

**46/6412/24/I** Proposta mill-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul konnessa mal-mobility week.

6.03.32 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5949/24/I u 46/6412/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jifli l-proposti u jesplora l-possibilità li Pembroke tibbenefika minn din l-iskema. Il-kelliem irrimarka li l-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul kien bagħat proposta u għalhekk din għandha ukoll tiġi mistħarrġa u kkunsidrata.

6.03.33 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

6.03.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5952/24/I** Email mingħand Active Ageing and Community Care fejn talbu laqgħa ma-Sindku dwar servizzi lill-persuni bid-Dementia.

6.03.35 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5952/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jiskeda din l-imsemmija laqgħa.

6.03.36 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5953/24/O** Email mibgħuta lil The Malta Foundation for the Wellbeing of Society fejn b'referenza għall-proġett Rights fejn tlabna li tiġi identifikata persuna tifel/tifla mill-lokalita' sabiex jattendu għall-ewwel laqgħa tar-Reġjun.

**46/5954/24/I** Email mingħand The Malta Foundation for the Wellbeing of Society fejn infurmaw lill-Kunsill li minnaħa tagħhom ħadd m'għadu applika biex ikun fil-Kunsill ta' Pembroke tat-Tfal u ser imorru jduru l-iskejjel

u l-għaqdiet tat-tfal u staqsew jekk il-Kunsill jafx b'xi tifel jew tifla li jkunu jistgħu jattendu għall-ewwel laqgħa.

**46/5974/24/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn tlabna l-kummenti tagħhom jekk jafux b'xi tifel jew tifla interessata li tattendi għall-ewwel laqgħa tar-Reġjun.

6.03.38 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5953/24/O, 46/5954/24/I u 46/5974/24/O** fejn ippropona li l-Kunsill joħroġ avviż fuq il-media soċjali bħala l-aħħar rimedju sabiex jinstabu tfal li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

6.03.39 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

6.03.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6004/24/I** Email mingħand LGD SPI/SCI/7/2024 dwar Espressjoni ta' Interess Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi.

6.03.41 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6004/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel lista ta' affarijiet li jirrikjedu manutenzjoni fil-binja tal-Kunsill Lokali.

6.03.42 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6012/24/I** Email mingħand il-Pulizija fejn talbu lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb li tissewwa l-alarm peress li qed iddoqq ħafna drabi u l-pulizija qed jispiċċaw jiġu jivverifikaw għalxejn.

6.03.44 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6012/24/I** fejn saħaq li anke wara komunikazzjoni li saret mal-pulizija, ippropona li t-tali komunikazzjoni għandha tgħaddi għand l-Enemalta, u dan minħabba li l-problema mhux l-alarm tal-Kunsill iżda minħabba l-varjazzjoni fil-vultaġġ tad-dawl.

6.03.45 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6085/24/I** Email mingħand Abbey Printers għall-printing ta' A5 flyer.

**46/6086/24/I** Email mingħand Bonnici Press għall-printing ta' A5 flyer.

**46/6087/24/I** Email mingħand Printcare għall-printing ta' A5 flyer.

6.03.47 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6085/24/I, 46/46/6086/24/I u 46/6087/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni fejn intgħażlet l-irħas offerta.

6.03.48 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6097/24/I** Email mingħand il-PA fejn b'referenza għall-oġġezzjoni għall-PA6196/23 relatat m'Ivy House, nformaw lill-Kunsill li saret investigazzjoni mill-Compliance & Enforcement Directorate fejn il-binja għandha l-permess PA/03248/21 sabiex topera bħala clubhouse b'dining facilities (Class 4d) u nvestigazzjonijiet ulterjuri fuq r-rapport jistgħu jittieħdu ladarba jkun hemm deċiżjoni fuq applikazzjoni oħra li daħlet quddiem l-awtorità u li għad trid tiġi

validata. Dan wara li nġibdet l-attenzjoni li hemm affarijiet fuq il-post li m'humiex koperti bil-permess.

6.03.50 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6097/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jistenna d-deċiżjoni tal-Awtorità, ġaladarba m'hemmx passi ulterjuri li jistgħu jittieħdu mill-Kunsill Lokali.

6.03.51 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6098/24/I** Email mingħand Trakadum fejn talbu s-sapport tal-Kunsill għall-attività li ser jagħmlu fid-19 ta' Ottubru 2024 ġewwa l-BMX Warehouse għall-familja kollha.

6.03.53 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6098/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa sabiex tkun diskussa din il-proposta f'aktar dettal.

6.03.54 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.55 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6144/24/O** Email mibgħuta lill-CM tal-Kunsill fejn ġew informata li jridu jiġu ġewwa l-Kunsill kulljum sabiex jiffirmaw l-attendenza.

**46/6145/24/I** Email mingħand il-CM fejn informa l-Kunsill li l-estratt li bagħtna mit-tender ma jfissirx li jridu jiġu kuljum iżda huma jieħdu nota kull meta ser issir superviżjoni u jiġu jiffirmaw il-Kunsill.

6.03.56 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6144/24/O u 46/6145/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-CM sabiex jiddiskutu l-kuntratt.

6.03.57 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

6.03.58 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6149/24/I** Kwotazzjoni mingħand Maltapost għal tqassim ta' flyer re laqgħa tal-lokalita' għall-prezz ta' €99.

6.03.59 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6149/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi.

6.03.60 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.61 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6173/24/O** Email mibgħuta lill-avukat tal-Kunsill fejn bagħtna ittra li rċieva l-Kunsill mill-Qorti f'isem l-Atlas Insurace fejn qed jiktbu f'isem resident li qed jitlob kumpens ta' €1,909.20 għad-danni li allegatament sofra fil-propjetà tiegħu bejn Ottubru u Novembru 2022, f'liema risposta l-avukati ġew infurmata li fil-perjodu ndikat il-Kunsill Lokali ma għamel ebda xogħlijiet fi Triq Adelaide Cini u għaldaqstant tlabna sabiex fi żmien stipulat tintbagħat tweġiba f'isem il-Kunsill Lokali.

**46/6174/24/I** Email mingħand l-Avukat tal-Kunsill fejn staqsew jekk kienx għaddej xi xogħol minn Infrastructure Malta matul dak il-perjodu.

6.03.62 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6173/24/O u 46/6174/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi bl-ittra tal-avukati.

6.03.63 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.64 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6240/24/I** Email mingħand il-Maltapost fejn talbu laqgħa dwar l-installazzjoni ta' parcel lockers.

6.03.65 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6240/24/I** fejn ippropona li l-post tal-lockers għandu jkun fil-Ġnien ta' Kalkutta mal-ħajt tal-latrina. Il-kelliem irrimarka li barra minnhekk, MaltaPost ser ikunu qed jgħaddu lill-Kunsill kuntratt sabiex jiġi finalizzat dan il-ftehim.

6.03.66 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.67 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6246/24/I** Email mingħand residenta li toqgħod fi Triq Prof Jos E. Debono, Pembroke, fejn talbet li tiġi rranġata l-bankina quddiem ir-residenza tagħha.

6.03.68 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6246/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jordna li jsir dan ix-xogħol.

6.03.69 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.70 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6294/24/I** Email mingħand Pembroke Karate Club fejn infurmaw lill-Kunsill li ser jipparteċipaw fl-attività ta' 6 ta' Ottubru 2024.

**46/6296/24/I** Email mingħand Padel fejn infurmaw lill-Kunsill li ser jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jipparteċipaw u lesti jiftħu l-court b'xejn bejn it-8.30am u l-10.30am.

**46/6307/24/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul fejn bagħat il-poster tal-attività sportiva għall-familja fis-6 ta' Ottubru 2024.

6.03.71 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6294/24/I, 46/6296/24/I u 46/6307/24/I** fejn talab il-kummenti ta' l-Kunsillier Charles Cesare dwar min ser jipparteċipa.

6.03.72 Il-Kunsillier Charles Cesare irrimarka li hemm bejn sitta u seba' entitajiet li ser jipparteċipaw. Il-kelliem żied li ser titnaqqas parti mir-rotta biex tiġi evitata Triq il-Profs Walter Ganado.

6.03.73 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul staqsa jekk kienx hemm konklużjoni dwar il-loġistika ta' għeluq ta' toroq u affarijiet simili.

6.03.74 Il-Kunsillier Charles Cesare irrimarka li din hija attività li fl-opinjoni tiegħu kulħadd għandu jagħmel il-parti tiegħu.

6.03.75 Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Charles Cesare ippropona r-rotta, li jinxtara ilma għall-parteċipanti u li jitqassam wara l-attività u li sa qabel tmiem il-ġimgħa ser jinforma lill-Kunsill dwar x'ser ikun hemm bżonn bħala uffiċjali u safety.

6.03.76 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit issekonda.

6.03.77 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6310/24/I** Email mingħand resident fejn b'referenza għall-PA/06782/21 - 38, Metanoia, Triq Dun Amabile Sisner, bagħat ir-rapport tal-kundizzjoni tal-bankina sabiex tkun titsa' tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja.

6.03.78 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6310/24/I** fejn irrimarka li hemm diversi permessi tal-PA li jesiġu lill-iżviluppatur biex mal-faċċata ma jkunx hemm cables. Il-kelliem żied li sfortunatament, li xi żviluppaturi mhux qed jipprovdu l-infrastruttura neċessarja taħt il-bankina biex dan iseħħ u xorta waħda qed jispiċċaw bil-cables mal-faċċati. Għalhekk il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jara x'passi jista' jieħu biex dak mitlub fil-permessi maħruġa mill-PA għandu jsir, inkluż li jekk hemm awtoritajiet u/jew entitajiet li qed jagħmlu pressjoni li kollox jibqa' mal-ħajt, għandhom jitwaqqfu milli jkomplu b'din il-prassi.

6.03.79 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.80 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6319/24/I** Email mingħand Health Promotion and Disease Prevention Directorate fejn talbu laqgħa mal-Kunsill dwar kollaborazzjoni t'attivitajiet fiżiċi għar-residenti.

6.03.81 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6319/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiskeda laqgħa għal nhar it-2 ta' Ottubru 2024.

6.03.82 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.83 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6326/24/I** Email mingħand il-CM tal-Kunsill fejn bagħtu r-rapport tal-ispezzjoni li saret fil-latrini.

6.03.84 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6326/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-kuntrattur inkwistjoni sabiex jiġu ndirizzati dawn in-nuqqasijiet.

6.03.85 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.86 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6329/24/I** Email mingħand il-Pulizija fejn infurmaw lill-Kunsill bl-inċident li seħħ fi Triq Manwel Buħagiar ma' Triq Burma fejn saret ħsara fir-railing u bagħtu n-numru tar-rapport 8/POL/7039/2024.

6.03.87 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6329/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipprepara stima tal-ispejjeż u din tintbagħat lill-partijiet konċernati.

6.03.88 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.89 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6331/24/I** Email mingħand Project Green fejn staqsew jekk il-Kunsill jaqbilx ma' sistema ta' fencing għas-sit bejn Triq il-Mediterran u Triq Burma.

6.03.90 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6331/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dak irrakkomandat.

6.03.91 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.03.92 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.03.93 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-bord tal-evalwazzjoni tat-tenders maħruġa mill-Kunsill għandu jkun kompost minnu bħala Chairperson (mingħajr vot), mill-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul, mill-Kunsillier Charles Cesare, mill-Kunsillier Raymond Lanzon u mis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg bħala Segretarju tal-Bord (mingħajr vot). Il-kelliem ippropona wkoll li meta l-Kunsill joħroġ tenders li jkunu ser jiġu ffinanzjata minn terzi jew entitajiet u/jew aġenziji tal-Gvern, il-Kunsill ikun dispost li rappreżentant tagħhom, ikun ukoll membru fil-Bord tal-aġġudikar u/jew bħala external expertise.

6.03.94 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.95 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.03.96 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jibda jaħseb għad-dawl dekorattiv għal żmien il-Milied.

6.03.97 Fid-dawl ta' dan, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill javviċina lill-ħwienet tal-lokal u possibbilment entitajiet oħra fejn jiġu mistiedna jikkontribwixxu finanzjarjament biex jekk jista' ikun, il-Kunsill minn din is-sena iżejjen aktar żoni fil-lokal fosthom iż-żona ta' Triq Pietru D'Armenia.

6.03.98 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.03.99 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

6.04.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

## 6.05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

6.05.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 14/2024** – rapport dwar il-laqgħa li saret ma' IM. **(Ara Dok. 1)**
- **Internal Memo 15/2024** – rapport dwar il-laqgħat li saru ma' Nature Trust, St. Michael's, MTA, Coast is Clear, GCS. **(Ara Dok. 2)**
- **Internal Memo 16/2024** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 04/K9/24 u 06/K9/24. **(Ara Dok. 3)**

6.05.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 16/2024** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

6.05.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.05.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.06 Inizjattiva Vjal Kulħadd.

6.06.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-iskema maħruġa minn IM fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipparteċipa billi jipproponi li t-toroq li minn Triq il-Mediterran jagħtu għall-kosta għandhom jiġu ikkunsidrata billi jingħataw wiċċ u infrastruttura ġdida li tkun aktar ħadra u favur l-ambjent, kif ukoll possibbilment jiġu nkluża toroq oħra li jistgħu jiġu kkunsidrata. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk ikun hemm bżonn, għandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jipprepara d-dokumentazzjoni neċessarja.

6.06.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.06.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.07 Talba ta' devoluzzjoni t'art u binja fil-lokal.

**46/6073/24/O** Email mibgħuta lis-Sindku dwar Ċirkulari SPI.APP.6.2021 - Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjetà Pubblika (Devoluzzjoni).

**46/6273/24/I** Email mingħand Lands Authority fejn infurmaw lill-Kunsill li rċievew l-applikazzjoni tal-Kunsill għal mistoqsija jekk l-art fi Triq Camillo Sceberras hijiex pubblika jew le.

6.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6073/24/O** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jressaq talba għal devoluzzjoni t'art bejn Triq Camillo Sceberras u Triq il-Mons. Mifsud Tommasi, biex din issir post ta' rikreazzjoni u l-binja li hemm, possibbilment tibda tintuża biex minnha jingħataw servizzi li jista' jkun hemm bżonn b'risq ir-resident.

6.07.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.07.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

6.08.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 4, 5, 6, 7 u 8)**

6.08.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat. Il-kelliem żied li l-kont ta' MAKS Engineering Ltd. mhux ser jitħallas għax għadu ma provda ebda supporting reports relatata max-xogħol tal-kuntratturi, il-kont tal-EPIC mhux ser jitħallas għax hemm żball, filwaqt li l-kont ta' Petrolea Ltd. mhux ser jitħallas għax għadu ma ġiex iċċertifikat mill-CM.

6.08.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

6.08.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.09 Mozzjonijiet.

6.09.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 6.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

6.10.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fit-21:10pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2024 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 30 ta' Ottubru, 2024**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |